# Skola Sekondarja ta' San Franġisk

ST. FRANCIS

**Ir-Raba' Sena** **Ġunju 2014**

**Malti –Letteratura** **Ħin: sagħtejn**

**Wieġeb it-taqsimiet kollha tal-karta.**

**Ikteb b'Malti tajjeb. I-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki.**

## L-EWWEL TAQSIMA

### Poeżija

### Ir-Referenza għall-Kuntest

**Agħżel poeżija WAĦDA minn poeżija 1 jew poeżija 2.**

1. Aqra sewwa din il-poeżija u wieġeb il-mistoqsijiet fuqha. (20 marka)

***Fejn jorqod ir-Riħ*** – Achille Mizzi

Qatt ħadd ħolom

fejn jorqod ir-riħ?

Kollox nafu dwar ir-riħ!

Ir-Riħ Fuq – dak li jiffriska,
li jnixxef, jixxotta.
Ir-Riħ Fuq – dak li jdewwi,
dak li jivvibra l-qliebi
bil-mużika tar-rebbiegħa,
dak li fix-xitwa
bir-reżħa jriegħed iz-zkuk.

Kollox nafu dwar ir-riħ!

Ir-Riħ Isfel – riħ il-moffa u l-indewwa,
miblul, Settembrin,
    riħ l-inbid li jiffermenta fil-btieti.
    Jegħjew saħansitra qlugħ ix-xemx
    jarbulaw biex ivinċu
    iċ-ċlampu midliek.

    Qatt ħadd ħolom
    fejn jorqod ir-riħ?

    Għidulu jinqala' minn bejtu r-riħ,
    ħa jonfoħ, għax mingħajru d-dakra ma ttuqx
    u lanqas
    il-ħajja
    ma tiġġedded.

ST. FRANCIS

Wieġeb:

a. Ikteb fil-qosor dwar il-kuntrast bejn it-tielet u l-ħames strofa. (5 marki)
b. Agħti eżempju ta' anadiplosi u għid x'effett toħloq. (3 marki)
c. X'ton jintuża meta jingħad "Kollox nafu dwar ir-riħ!" u x'effett iħalli? (5 marki)
d. Agħti eżempju ta' alliterazzjoni u għid x'effett jinħoloq. (3 marki)
e. Fisser xi jrid jgħid il-poeta fl-aħħar strofa. (4 marki)

2. Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha. (20 marka)

***Lill-Qamar Kwinta*** – Rena Balzan

Naf li int fqajjar mingħajr ħjiel ta' ħajja
w li d-dawl li tarmi lewn il-fidda msawwar
lilek misluf minn ħliqa aktar setgħana;
l-ebda illużjoni ma baqagħli dwarek
għax issa nafek sewwa w m'għadnix narak
tilma u tħuf fid-dawl tal-fantasija;
'mma kif fil-għoli nilmħek qamar kwinta
issebbaħ is-smewwiet f'lejla sajfija,
ninsa dak kollu li kont għedtlek qabel
u terġa' qalbi tfur bil-poeżija.

ST. FRANCIS

Wieġeb:

a. Kif inbidlet l-opinjoni tal-poetessa dwar il-qamar? (4 marki)
b. Xi jfisser il-qamar għall-poetessa bħala kittieba tal-poeżiji? Liema vers jindika dan? (3 marki)
c. Matul il-versi kollha, il-poetessa titkellem mal-qamar. X'tissejjaħ din it-teknika u x'jissuġġerixxi l-użu tagħha dwar ir-relazzjoni tal-poetessa mal-qamar? (4 marki)
d. Fejn hi l-eliżjoni fit-tielet vers? Għaliex il-poetessa tuża din it-teknika? (4 marki)
e. Liema figura tat-taħdit titħaddem fil-vers "issebbaħ is-smewwiet f'lejla sajfija" u x'importanza għandu dan il-vers fil-kuntest tal-poeżija kollha? (5 marki)

**IT-TIENI TAQSIMA**

**Proża**

**Ir-Referenza għall-Kuntest**

**Agħżel silta WAĦDA minn silta 3 jew silta 4**

1. Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.

(Silta minn***) Ittri lil Marta*** ta' Joe Friggieri

Kuljum, qabel ma jasal tal-posta, kienet toħroġ fil-bieb tistennieh. Kuljum tal-posta kien jieqaf quddiemha u jnewlilha ittra. Kienet tidħol fil-kċina, tiftaħha b'sikkina u taqraha qisha ħajjitha tiddependi minnha. Malli tara d-dawl il-linka kienet tibda titfi u l-kliem jibjad ftit ftit sakemm jgħib għalkollox.

l-ittri ma kinux ikunu iffirmati. Imma fis-sitt xhur li kienet ilha tirċivihom saret taf kważi kollox fuq min kien jibgħathomlha. Kien pittur ta' tlieta u għoxrin sena, ismar, twil, u b'ħarsa ta' swied il-qalb f'għajnejh żoroq. Hekk kie, ġie raġel ikrah, imdaħħal fiż-żmien, b'nuċċali oħxon fuq imnieħru. Indn iddeskriva lilu nnifsu fl-ewwel ittra. U hi emmnitu.

Kien iħobb jgħum qabel titla' x-xemx u jippassiġġa f'xatt il-baħar fi nżulha. Meta jitla' mill-baħar kien iħossu bniedem ġdid u waqt il-passiġġata kien jaħseb fiha. Kien jgħidilha fi xħin iqum u xħin imur

jorqod, u kien ifissrilha x'jagħmel u fejn imur matul il-ġurnata. Qatt ma qalilha xejn dwar l-imħabba, u wara dawk l-ittri kollha ma kinitx taf kienx miżżewweġ, jew għarus, jew kienx iddeċieda li jibqa' ġuvni.

Darba tal-posta wasal tard. Ħatfitlu l-ittra minn idu u fetħitha bla telf ta' żmien. Kien fiha biss tliet kelmiet: "Marta, qed inpinġik."

Inħasdet. Kienet l-ewwel darba li sejħilha b'isimha. Mnejn kien ġabu? Min tahulu? Jew forsi kien jafu qabel u ma riedx juriha? F'dak il-każ, għaliex ma riedx? X'kien qed iżommu? X'kellu x'jaħbi? U għaliex iddeċieda li juriha issa? X'logħba kien qed jilgħab? (...)

Wieġeb:

a. Ikteb dwar l-emozzjonijiet li kienet tħoss Marta kull darba li tkun qed tistenna lil tal-posta. (3 marki)
b. Ikteb fil-qosor dwar dak li nsiru nafu dwar il-karattru ta' Marta. Saħħah billi tikkwota. (5 marki)
c. X'inhi l-għodda metrika li juża l-kittieb fl-ewwel sentenzi? X'effettt toħloq din l-għodda? (3 marki)
d. Taħseb li nistgħu nitkellmu dwar "imħabba" bejn Marta u l-pittur? Għaliex? (5 marki)
e. X'għodda metrika juża l-kittieb fl-aħħar parti ta' din is-silta, u x'effett jinħoloq? (4 marki)

2. Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:

(Silta minn) ***Firda minn Kelb*** ta' Ġuże Ellul Mercer

(...) Jien u miexi ħassejt bħal għoqda tielgħa għal griżmejja. Dak il-ħin qam ħafna riħ. Xħin ħemed, smajt lili nnifsi nolfoq, u bid-dmugħ ma' għajnejja ma stajtx nara nimxi. Kont ili ma nolfoq u nxerred demgħa aktar minn sentejn – minn dakinhar li kien miet ħija ħabta u sabta qasir il-għomor.

Xħin wasalt id-dar, ir-rassa li kelli f'sidri bis-sħana u l-kenn ħassejtha tinħall; u sa ma ġbart u rmejt il-kaxex tad-duwa u ċekċik ieħor li bih kont ninqeda biex indewwi l-kelb minn dakinhar li marad '1 hawn bkejt kemm-il bikja siekta. U ta' kull darba bdejt nimsaħ id-dmugħ b'minkbejja,

ST. FRANCIS

biex ma nitniġġisx b'subgħajja, u biex il-mara ma taranix nibki lill-kelb. Iżda leħni baqa' sa nħanaq u għajnejja ħmaru, donni kont xrobt l-inbid; u l-mara ntebħet li qalbi kienet ingħafset għaliex kont tlift ħabib tassew, u qaltli xi kliem ta' sabar. U jien weġibtha kif l-irġiel iwieġbu lin-nisa fi ġrajjiet bħal dawn.

Bobby kien jaf ħafna. Kien waqtiet jifhimni daqslikieku kien bniedem. Kellu għajnejh sbieħ u mimlijin dehen; u marad ħtija tiegħi, għad li jien ma ridtx immarrdu. Iżda li kieku dalgħodu qabel qatluh xi ħadd kellu jgħidlu – u hu kien jista' jifhem – x'ħassejt ilbieraħ xħin infridt għall-aħħar darba minnu, u liema beraħ u swied il-qalb ħalla warajh id-dar, kien imur inqas imbażża' u kellu mnejn jaħseb fija u f'kemm għamilt biex infejqu.

Wieġeb:

a. X'kien ifisser il-kelb għall-awtur? Saħħaħ l-argument tiegħek bi kwotazzjoni. (5 marki)
b. X'effett joħloq il-fatt li l-kittieb isemmi l-mewt ta' ħuh? (3 marki)
c. Għaliex in-narratur rema "l-kaxex tad-duwa u ċekċik ieħor"? (4 marki)
d. Ghaliex in-narratur ma riedx juri lil martu x'kien qed iħoss? (3 marki)
e. Liema għodda metrika jagħlaq biha l-awtur u x'effett toħloq? (5 marki)

## IT-TIELET TAQSIMA

### Il-Komponiment Letterarju

### (fuq l-antoloġija minbarra *Il-Ħarsa ta' Rużann)*

**Agħżel ŻEWĠ mistoqsijiet u ikteb komponiment ta' 200 kelma fuq kull waħda: (30 marka)**

a. Xi wħud minn dawn il-kittieba jitkellmu dwar problemi soċjali li huma attwali għal żmienna. Iddiskuti.
b. Kif tispikka l-imħabba f'dawn ix-xogħlijiet letterarji?
c. Is-sens ta' nostalġija tidher bosta drabi fil-kitbiet letterarji. Uri kif dan jidher f'din l-antoloġija.

ST. FRANCIS

## IR-RABA’ TAQSIMA

### Il-Komponiment Letterarju

### (fuq *Il-Ħarsa ta’ Ružann)*

**Agħżel mistoqsija WAĦDA u ikteb komponiment ta’ 400 kelma fuqha:**

**(30 marka)**

a. Għaliex Ružann hija l-iktar karattru importanti fir-rumazett?
b. Id-dixxendenti ta’ Ružann kienu jemmnu li l-iskola hija fundamentali għal uliedhom. Ikkummenta billi tirreferi fejn dan hu evidenti fir-rumanzett.

ST. FRANCIS